# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 809/14/2 JPG**

**Maryanne Vella**

**v.**

**Brian Zammit u għal kull interess li għandu George Zammit**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tal-24 ta' Awwissu, 2023, magħmula mill-konvenut Brian Zammit taħt is-**subartikoli (a), (ċ), (k)** u **(l) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti, b'sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2023, wara li tiġi mħassra l-istess

sentenza. Ir-ritrattand isemmi wkoll ksur tal-prinċipju tal-*audi alteram partem*; kif ukoll jiddikjara li kien qiegħed jinterponi appell u reviżjoni tad-digriet tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Mejju, 2018.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-17 ta' Settembru, 2014, l-attriċi Maryanne Vella fissret li minn żmien għal żmien, il-konvenut Brian Zammit kien jinqeda mingħandha sabiex jixtri bosta prodotti ta' ikel u oġġetti oħrajn li għandhom x'jaqsmu maż-żwiemel. Tgħid li maż-żmien huwa tella' l-ammont ta' €19,659.37 bħala kreditu. Tissokta tgħid li hija sejħitlu bosta drabi biex iħallas dan id-dejn, u f'żewġ okkażjonijiet huwa għaddielha żewġ ċekkijiet li ma ssarrfux, u drabi oħra taha ċekkijiet oħrajn li wkoll ma ssarrfux iżda mbagħad minflok ħallas bi flus u dawk iċ-ċekkijiet tħassru. Għalkemm hija ppreżentat ittra uffiċjali skont l-**Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-konvenut ikkontesta l-istess (għalkemm qabel kien ammetta li kellu jħallas l-ammont imsemmi) u b'hekk hija kellha tiftaħ din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"a) Tiddikjara u tikkonferma illi Brian Zammit, detentur tal-karta tal-identità numru 0541174M, huwa debitur fil-konfront tal-esponenti Maryanne Vella, detentriċi tal-karta tal-identità numru 262158M għas-somma ta' dsatax-il elf, sitt mija u disa' u ħamsin ewro u seba' u tletin ċenteżmu (EUR19,659.37);*
>
> *b) Tordna subordinatament u konsegwentement wara tali dikjarazzjoni u konferma tal-ewwel talba, sabiex l-intimat Brian Zammit, detentur tal-*

*karta tal-identità numru 0541174M, sabiex jersaq għall-ħlas effettiv ta' dsatax-il elf, sitt mija u disa' u ħamsin ewro u seba' u tletin ċenteżmu (EUR19,659.37) u dana fi żmien qasir u perentorju li din il-Wisq Onorabbli Qorti jogħġobha tippreffiġġi;*

*ċ) Tagħti kull rimedju, miżura jew direttiva sabiex jiġu kawtelati l-interessi tal-kreditriċi Maryanne Vella, detentriċi tal-karta tal-identità numru 2962158M, b'tali mod li l-intimat Brian Zammit, detentur tal-karta tal-identità numru 0541174M ma jaħrabx u ma jevadix mill-obbligazzjonijiet tiegħu li naturalment illum huma assunti fil-konfront ta' l-istess Maryanne Vella.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti kawża u tal-ittra uffiċjali 166A datata u bl-imgħaxijiet kummerċjali li bdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali u bl-inġunżjoni tal-intimat f'din il-kawża".*

3. Il-konvenuti ressqu r-risposta maħlufa tagħhom fit-2 ta' Ottubru, 2014 u qalu hekk:

*"1. Illi l-interpellazzjoni ai termini tal-Ittra Uffiċjali taħt l-Artikolu 166A tal-Kap 12 saret biss fil-konfront tal-intimat Brian Zammit li kif ippremetta fir-risposta tiegħu għal din l-ittra interpellatorja jerġa' jikkonferma illi huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur peress illi ma kienx jixtri prodotti kif erronjament premess mill-attriċi. Huwa kien jixtri mingħand l-attriċi sas-sena 2004 u kif issa hija stess tippremetti l-ħlas taċ-ċekkijiet li kienu refer to drawer tħallsu fi flus kontanti u għalhekk kull debitu kien effettivament u definittivament estint;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess kull konsenja ġiet debitament imħallsa minn George Zammit li qatt qabel il-preżenti kawża ma rċieva ebda interpellanza jew talba għall-ħlas u għalhekk kull talba hija mhux biss infondata fil-fatt u fid-dritt, iżda hija saħansitra preskritta ai termini tal-Artiklu 2148(b), 2151 u 2156 (f);*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-attriċi ma pprezentat ebda aċċettazzjoni jew firem bħala konferma mid-debitur għall-konsenji u għalhekk ma jeżisti ebda kontroll ta' debitu issa pretiż inspjegabbilment u ċertament mhux sostanzjat u dan ukoll ai termini tal-Artiklu 2151 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħha.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra".*

4. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru, 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili: (i) iddikjarat li l-attriċi ma kellhiex interess ġuridiku fil-konfront ta' George Zammit u b'hekk ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ii) astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenuti; (iii) laqgħet f'parti t-tielet eċċezzjoni u r-raba' eċċezzjoni; u (iv) ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.

5. B'rikors tat-12 ta' Diċembru, 2017, l-attriċi appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Fl-appell tagħha, l-attriċi talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex: (i) tħassar is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-23 ta' Novembru, 2017; (ii) tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti; u (iii) b'hekk tilqa' t-talbiet tagħha.

6. Flimkien mar-rikors tal-appell tagħha, l-attriċi hemżet għadd ta' dokumenti li ma kinux ġew ippreżentati quddiem l-Ewwel Qorti, fosthom: (i) kopja ta' żewġ ċekkijiet li jidhru li nħarġu minn Brian Zammit fl-10 ta' Novembru, 2007 u fl-10 ta' Lulju, 2008; (ii) estratti minn messaġġi mibgħuta fuq mowbajl; u (iii) kopja ta' rendikonti tal-bilanċi, fatturi u kotba tax-xogħol.

7. Il-konvenuti ressqu tweġiba għall-appell fit-28 ta' Diċembru, 2017 u taw ir-raġunijiet tagħhom għala l-appell kellu jiġi miċħud. Ma waqfux hemm. Fl-istess ġurnata ppreżentaw rikors, li permezz tiegħu talbu lill-

Qorti tal-Appell tordna l-isfilz ta' kull dokument mehmuż flimkien mar-rikors tal-appell. Permezz ta' digriet tat-23 ta' Mejju, 2018, il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba għat-twarrib ta' dawn id-dokumenti.

8. Inżamm smigħ fil-21 ta' Frar, 2023 fejn il-Prim Imħallef iddikjara li fil-passat kien jippatroċinja lill-attriċi iżda mhux b'rabta mal-appell li kellu jiġi mistħarreġ. Il-partijiet iżda ddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni li l-Prim Imħallef jibqa' jippresedi l-każ.

9. Illi b'sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2023, din il-Qorti b'Imħallfin differenti ddeċidiet: (i) billi kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn ħelset lill-konvenut George Zammit mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ii) astjeniet milli tieħu qies tat-tieni eċċezzjoni; u (iii) laqgħet f'parti l-appell, billi ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-bqija u ordnat lill-konvenut Brian Zammit iħallas lill-attriċi s-somma ta' €18,156.18 flimkien mal-imgħax legali li kellu jitlaq mid-data tal-20 ta' Awwissu, 2014 sal-jum tal-ħlas effettiv. Bl-ispejjeż kollha tbatihom l-attriċi.

10. Ir-raġunijiet relevanti għall-azzjoni tal-lum li wasslu lill-Qorti tal-Appell biex tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

> *"21. Inċidentalment, hekk kif il-konvenuti appellati kienu qed iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom fil-konfront tal-ewwel aggravju, l-istess konvenuti qajmu wkoll l-argument li l-attriċi lanqas m'għandha interess ġuridiku fil-konfront ta' Brian Zammit, u dan għaliex jekk verament hemm xi pendenzi, dawn mhumiex dovuti lilha iżda lil Lonzu Schembri li huwa s-sid tan-negozju. Dan l-argument mhuwiex xi wieħed ġdid u*

*diġà ġie mqajjem mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li ġiet imressqa quddiem l-Ewwel Qorti.*[1] *Kemm quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll quddiem din il-Qorti, l-appellati ma ressqux dan l-argument b'xi forma ta' eċċezzjoni ulterjuri, iżda sempliċement fis-sottomissjonijiet tagħhom. Kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta'* **Anthony Cristina pro. et. noe. v. Eleonara Mizzi et***. li ġiet deċiża fis-27 ta' Marzu, 2003,*[2] *il-Qorti mhix obbligata li tqis dawk l-argumenti bħala eċċezzjonijiet formali, u għalhekk tista' twarrab l-argument tal-konvenuti fuq hekk biss;*

*22. F'kull każ, il-Qorti lanqas però ma taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-konvenuti u dan għaliex, filwaqt li Lonzu Schembri kkonferma l-fatti dikjarati minn Maryanne Vella u qal li din kienet involuta fin-negozju*[3]*, meta ġew biex iressqu l-provi, il-konvenuti mhux biss ma ressqux din il-linja difensjonali, anzi filwaqt li Brian Zammit qal li: "[j]iena naf lill-Maryanne Vella għaliex kellha ħanut tal-ġwież fil-Marsa u kont nixtri l-ġwież mingħandha meta kelli ż-żwiemel",*[4] *George Zammit qal ukoll li "jiena kont klijent ta' Maryanne Vella magħrufa bħala Lonzu tal-Ġwież. Kont domt nixtri mingħandha u kont nħallasha b'mod regolari daqqa fix-xahar u daqqa qabel."*[5] *Din il-verżjoni tal-konvenuti baqgħet konsistenti tul il-kawża kollha, u fl-ebda waqt tal-kawża ma xehdu li huma kellhom x'jaqsmu ma' Lonzu u mhux ma' Maryanne;*

*23. Dan l-argument tal-konvenuti appellati qiegħed għalhekk jiġi miċħud u l-Qorti ser tkun qed tgħaddi biex tqis it-tieni aggravju;*

*24. Fit-**__tieni aggravju__** l-appellanti mbagħad tilmenta minn dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li fiha kkonkludiet li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova l-kreditu pretiż minnha fl-ammont ta' €19,659.37. F'dan ir-rigward, l-attriċi tisħaq li mix-xhieda mhux kontradetta ta' Lonzu Schembri, kif ukoll minn dak li rriżulta mix-xhieda tagħha u mill-kontroeżamijiet tal-konvenuti, l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni differenti, u ċjoè li l-kreditu mitlub minnha huwa tassew dovut;*

*25. L-appellanti tirreferi wkoll għall-fatt li fil-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti, hija kienet dejjem lesta li tippreżenta d-dokumenti li għamlet referenza għalihom, u dan fosthom iċ-ċekkijiet u l-kotba tal-kummerċ li minnhom jirriżultaw l-ordnijiet li wasslu għall-kreditu dovut. Tgħid li dawn id-dokumenti ġew issa ppreżentati flimkien mar-rikors tal-appell u dan "sabiex finalment din il-Qorti jkollha l-fakoltà tiġġudika mingħajr intoppi u pprokrastinar li qiegħed jolqot u jippreġudika l-interessi finanzjarji [tagħha] minħabba illi hija għadha ma ħaditx il-ħlas li ilu żmien dovut lilha";*

[1] *Fol*. 94-95.
[2] App. Ċiv. 321/1985/1.
[3] *Fol*. 22.
[4] *Fol*. 30.
[5] *Fol*. 31.

*26. Kif intqal qabel, għalkemm il-konvenuti appellati pprotestaw għall-preżentata tad-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors tal-appell, tant li ressqu rikors li fih talbu lill-Qorti sabiex twarrab dawk id-dokumenti; permezz ta' digriet mogħti fil-23 ta' Mejju, 2018, din il-Qorti kif diversament ippreseduta dehrilha li ma kellhiex tordna l-isfilz ta' dawk l-istess dokumenti.*[6] *Peress li l-konvenuti appellati ma ressqu l-ebda talba oħra sabiex din il-Qorti tirrikonsidra l-pożizzjoni tagħha, u d-dokumenti li ġew ippreżentati mill-attriċi għadhom jiffurmaw parti mill-atti, din il-Qorti ser ikollha għalhekk tqis l-ilmenti tal-attriċi anke fid-dawl ta' dawn il-provi dokumentarji;*

*27. Qabel ma tibda biex tieħu qies tal-kontenut ta' dawk id-dokumenti, u peress li l-appellanti qed tilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tikkonkludi li l-kreditu pretiż minnha ma ġiex ippruvat, din il-Qorti tqis xieraq li tibda billi tistħarreġ jekk mill-provi li kellha quddiemha, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni;*

*28. Minn ħarsa lejn is-sentenza appellata jirriżulta li l-fattur prinċipali li wassal lil dik il-Qorti biex tikkonkludi li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova l-eżistenza tal-kreditu pretiż minnha kien dak li: «r-rikorrenti bl-ebda mod ma spjegat b'ċertu dettall kif waslet għall-pretensjoni tagħha illi hija dovuta mingħand l-intimat is-somma ta' €19,659.37, u dan billi mhux talli ma ppreżentatx il-fatturi relattivi, iżda talli lanqas biss spjegat bi preċiżjoni u fid-dettall il-bażi ta' din il-pretensjoni fix-xhieda tagħha. Infatti lanqas biss indikat id-dati ta' meta saru l-ordnijiet jew meta ġew konsenjati, u lanqas imqar ma spjegat preċiżament eżatt x'kien jordna l-intimat jew indikat ġenerikament il-prezz ta' dawn il-prodotti.» Dik il-Qorti żiedet tgħid li: «Naturalment il-Qorti ma tistax issib favur ir-rikorrenti a bażi ta' allegazzjonijiet illi r-rikorrenti stess lanqas pruvat tissostanzja jew tikkorobora, u huma biss ibbażati fuq xhieda dwar fatti vagi, neqsin minn kwalunkwe tip ta' dettall. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi t-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu milqugħa u dan peress illi hija ma ppruvatx il-kreditu tagħha fuq bilanċ ta' probabbiltajiet.»;*

*29. Wara li rat il-provi kollha li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha u dan fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet li ġew mogħtija minn dik il-Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kritika tal-appellanti fil-konfront tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex mistħoqqa. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, f'dan il-każ, l-attriċi mhux biss naqset milli tippreżenta xi dokumentazzjoni bħal fatturi jew lista ta' ordnijiet li saru mill-konvenuti, iżda agħar minn hekk, l-attriċi anke naqset milli tagħti l-iċken ħjiel dwar minn xiex hija magħmula s-somma mitluba minnha fl-ammont ta' €19,659.37. Fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni elementari, l-appellanti ma tista' qatt tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-pretensjonijiet tagħha u għaldaqstant l-aggravju tal-appellanti sa fejn għandu x'jaqsam mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti qiegħed jiġi miċħud;*

---

6 Ara d-digriet ta' din il-Qorti, mogħti fit-23 ta' Mejju, 2018, *fol*. 288.

*30. Ma jistax però jingħad l-istess, issa li din il-Qorti għandha quddiemha provi dokumentarji oħrajn li l-Ewwel Qorti ma kellhiex fl-atti meta ġiet biex tagħti l-ġudizzju tagħha;*

*31. Fost il-bosta dokumenti li ġew ippreżentati flimkien mar-rikors tal-appell, l-attriċi ppreżentat kont datat 5 ta' April 2010 u li minnu jirriżulta li l-kreditu pretiż huwa magħmul minn tliet bilanċi għas-snin 2004, 2005 u 2006, li huma fl-ammonti ta' LM450.00, LM5,121.90 u LM3,107.00, rispettivament;*[7]

*32. Il-bilanċi li għadhom kif qed jiġu msemmija, huma mbagħad sostanzjati bi provi dokumentarji oħra li jinkludu sensiela ta' fatturi kif ukoll estratti mill-kotba tal-kummerċ li fihom hemm il-lista tal-prodotti kollha li ġew ordnati matul dawk iż-żminijiet;*

*33. Pereżempju, sa fejn għandu x'jaqsam il-bilanċ ta' <u>LM 450 għas-sena 2004,</u> il-Qorti rat kont li huwa maħruġ f'isem "Moħħu (Brian)" u li minnu jirriżulta li sal-11 ta' Novembru, 2004, kien hemm mat-18-il fattura li kienu għadhom ma ġewx imħallsa u li b'kollox dawn kienu jammontaw għal LM2,956.75.*[8] *L-attriċi ppreżentat ukoll sensiela ta' fatturi għas-sena 2004 li huma lkoll riferuti fil-kont li għadu kif qed jiġi msemmi, u li huma wkoll maħruġa f'isem "Moħħu (Brian)".*[9] *Kull prodott li huwa mniżżel f'dawk l-fatturi jirriżulta li kien qed jiġi wkoll reġistrat fuq dokument ieħor li jinsab f'paġni 174 sa 177 tal-proċess. Minn dan id-dokument tal-aħħar, jirriżulta li filwaqt sal-11 ta' Novembru 2004, kien hemm bilanċ dovut ta' LM2,950, fil-14 ta' Novembru ta' dik is-sena kien sar pagament ta' LM1,500, u sussegwentement sar pagament ieħor ta' LM1,000, biex b'hekk b'kollox kien baqa' l-bilanċ ta' <u>LM450</u> li jaqbel eżatt mal-ammont li ġie mniżżel fuq il-kont tal-5 ta' April 2010;*[10]

*34. Il-bilanċ ta' <u>LM5,121.90 għas-sena 2005</u> jirriżulta mbagħad sostnut minn rendikont ieħor li huwa maħruġ f'isem "Mr. G. Zammit (Brian Zammit)" u li minnu jidher li sat-22 ta' Diċembru, 2005 il-bilanċ pendenti kien akkumula għal LM5,571.90.*[11] *Spjega eżatta dwar minn x'hiex huwa magħmul dan il-bilanċ, tinsab imbagħad f'sensiela ta' fatturi li jinsabu f'paġni 178 sa 200 tal-proċess. Wara li eżaminat bir-reqqa dawn il-fatturi u qagħdet tgħoddhom waħda waħda, il-Qorti kkonfermat li b'kollox dawn il-fatturi tassew jammontaw għas-somma ta' <u>LM 5,121.90</u>, li hija wkoll l-istess somma li ġiet imniżżla fil-kont tal-5 ta' April 2010, u dan għas-sena 2005. Fattur ieħor importanti li jirriżulta minn dawn il-fatturi huwa li dawn ġew <u>kollha</u> maħruġa f'isem "Brian (Moħħu)" jew "Moħħu (Brian)";*

*35. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-bilanċ ta' <u>LM 3,107.00 li ġie</u>*

---

[7] *Fol*. 282.
[8] *Fol*. 163.
[9] *Fol*. 158-162, 164-171.
[10] *Fol*. 282.
[11] *Fol*. 201 (Meta jitnaqqas l-ammont ta' LM 450 mill-bilanċ ta' LM5,571.90, jirriżulta l-bilanċ ta' LM5,121.90 li jaqbel eżatt mar-rendikont tal-5 ta' April, 2010).

*<u>mniżżel għas-sena 2006</u>, din il-Qorti rat żewġ rendikonti oħra li huma maħruġa f'isem "Moħħu (Brian)" u li jkomplu jixħtu aktar dawl dwar dan l-ammont. Mill-ewwel rendikont jidher kif sa Settembru ta' dik is-sena kien hemm bilanċ ta' LM1,869.75, filwaqt li mit-tieni rendikont jirriżulta li bejn Ottubru sa Diċembru 2006, ġie akkumulat bilanċ ieħor fl-ammont ta' LM1,237.25.*[12] *Flimkien bejniethom, dawn iż-żewġ bilanċi jwasslu għall-ammont ta' LM3,107.00 li jaqbel eżatt mal-bilanċ li hemm imniżżel fuq il-kont tal-5 ta' April, 2010, u dan għas-sena 2006. Aktar informazzjoni dwar minn xiex inhu magħmul dan il-bilanċ tinsab imbagħad f'sensiela ta' fatturi oħra li jinsabu f'paġni 206 sa 227 tal-proċess, li huma wkoll maħruġa f'isem "Moħħu (Brian)";*

*36. Wara li qieset dawn il-provi dokumentarji fil-kuntest tal-bqija tal-provi li ġew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi tassew irnexxielha li tipprova l-eżistenza tal-kreditu kontra l-konvenut Brian Zammit;*

*37. Għalkemm huwa minnu li Brian Zammit qiegħed jiċħad li baqa' jixtri mingħand l-attriċi wara s-sena 2004, fil-fehma tal-Qorti, din id-difiża hija mxejna bil-fatturi u l-kontijiet li għadha kif saret referenza għalihom u li minnhom jirriżulta li dawn ġew konsistentement maħruġa f'ismu. Fil-fehma tal-Qorti, li kieku Brian Zammit tassew ma kellux x'jaqsam aktar mal-attriċi wara s-sena 2004, allura dawk il-fatturi u l-kontijiet ma kinux sejrin jibqgħu joħorġu f'ismu u dan għal dak iż-żmien kollu. Din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tiddubita l-kontenut ta' dawk il-kontijiet u l-fatturi u dan għaliex, apparti li Zammit naqas milli jmeri l-kontenut tagħhom meta ngħataw lilu, fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 2017 huwa stess qal li: «Jien ili ma nieħu xogħol naħseb* ***<u>xi għaxar snin</u>*** *mingħandha»,*[13] *u b'hekk kompla juri kif tal-anqas sas-sena 2006 huwa kien għadu jieħu x-xogħol mingħand l-attriċi;*

*38. Ġaladarba din il-Qorti hija sodisfatta li l-attriċi rnexxielha tipprova l-eżistenza tal-kreditu u l-konvenut Brian Zammit qiegħed min-naħa l-oħra jqajjem l-eċċezzjoni tal-pagament, allura jmiss issa lil din il-Qorti li tistħarreġ jekk il-konvenut irnexxielux iressaq prova li qatel id-dejn;*

*39. Għalkemm huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-prova tal-pagament tista' titressaq «bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jiġifieri bi provi diretti, bħal dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bħal ma huma l-preżunzjonijiet u l-indizji kapaċi li jikkonvinċi l-ġudikant",*[14] *min-naħa l-oħra huwa wkoll maqbul li l-prova tal-pagament għandha ssir b'mod «konvinċenti u konklussiv»*[15] *u fid-dubju "għandha tipprevali l-*

[12] *Fol*. 228.
[13] *Fol*. 47.
[14] **Kollez. Vol. XLIII P II p 264**. Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ta' ***Seyba Aluminium Limited v. Grazio Debono et*** deċiża fid-9 ta' Frar, 2023, (App. Ċiv. 510/2016/1).
[15] ***Joe Chetcuti et v. Joseph Pearson et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998.

*preżunzjoni li d-dejn ma tħallasx".*[16] *(Ara f'dan is-sens, is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta'* **Maria Stella Calleja v. Brian Degorgio**, *deċiża fis-17 ta' Marzu 2022,*[17] *u* **Louis Zammit v. Maria Assunta Spiteri**, *deċiża minn din il-Qorti fil-14 ta' Mejju 2010);*[18]

*40. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-fatti ta' dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut Brian Zammit ma rnexxielux iressaq provi konvinċenti u konklussivi li qatel id-dejn;*

*41. Għalkemm huwa minnu li fis-seduta tad-19 ta' April, 2016, il-konvenut ħalef li ma kellu jagħti xejn lill-attriċi,*[19] *il-Qorti ma tħossx li tista' toqgħod fuq din id-dikjarazzjoni u dan għal bosta raġunijiet;*

*42. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma temminx lil Brian Zammit meta jipprova jagħti l-impressjoni li ma kienx iħalli kontijiet pendenti mal-attriċi.*[20] *Li kieku Zammit kien iħallas lill-attriċi mal-ewwel ċans li jiġih u ma baqax jixtri aktar mingħandha mis-sena 2004 'il quddiem, allura dan ma kienx ser ikollu għalfejn jgħaddi lill-attriċi ċekk datat 10 ta' Lulju 2008, fl-ammont sostanzjali ta' €3,500!*[21] *Ta' min jgħid li Brian Zammit ma ċaħadx li kien għadda lill-attriċi dan il-pagament: anzi hu stess jgħid li meta l-attriċi nfurmatu li dak iċ-ċekk ma kienx issarraf, huwa kien eventwalment għaddielha €3,500 fi flus kontanti;*[22]

*43. Din il-Qorti lanqas ma temmen lill-konvenut appellat meta jgħid li huwa kien eventwalment ħallas lill-attriċi taċ-ċekk li ma ssarrafx fi flus kontanti. Li kieku kien hekk, il-probabbiltà hi li dak iċ-ċekk kien jingħata lura lill-konvenut, u ma kienx jibqa' fil-pussess tal-attriċi.*[23] *Dan il-fatt mhux biss qalitu l-attriċi, iżda fuq kollox qalu l-konvenut stess meta fl-affidavit tiegħu stqarr li: «[k]if ġieli jiġri fix-xogħol tinqabad ftit sakemm jħallsuk però dejjem kienet tgħidli u jiena mill-ewwel kont nieħu lura ċ-ċekk u nħallasha»;*[24]

*44. Bl-istess mod u għall-istess raġunijiet, il-konvenut appellat lanqas ma rnexxielu jipprova li ħallas lill-attriċi LM500 fi flus kontanti ta' ċekk ieħor li ma ssarrafx u datat 10 ta' Novembru, 2007. Għalkemm l-appellat jgħid li għadda dawn il-flus lil ċertu Joseph li jiġi t-tifel t'oħt l-attriċi,*[25] *Zammit lanqas ma ressaq lil dan bħala xhud, u għalhekk il-Qorti lanqas ma tħoss li l-konvenut appellat irnexxielu jipprova dan il-pagament ta' LM500 b'mod konklussiv;*

*45. Ironikament, l-unika provi konkreti u konklussivi dwar il-pagamenti*

[16] **Vol. XXXVII P I p 525**.
[17] App. Ċiv. Nru. 691/14/1MCH.
[18] App. Ċiv. Nru. 11/2002/3.
[19] *Fol*. 36.
[20] *Fol*. 36.
[21] *Fol*. 153.
[22] Ara kontroeżami tal-konvenut Brian Zammit, *fol*. 44.
[23] Ara kopja taċ-ċekk *fol*. 153.
[24] *Fol*. 30.
[25] *Fol*. 44.

*mgħoddija lill-attriċi ġew imressqa mill-attriċi stess, u dan fil-provi dokumentarji li tressqu flimkien mar-rikors tal-appell. B'mod partikolari, mir-rendikont datat 5 ta' April, 2010, jirriżulta li fis-sena 2007, l-attriċi kienet irċeviet pagament akkont tal-bilanċi mertu ta' din il-kawża, fl-ammont ta' LM240.00*[26]*. Mill-istess rendikont jirriżulta wkoll li fid-19 ta' Settembru 2008, u ċjoè ftit wara li kien inħareġ iċ-ċekk li ma ssarrafx ta' €3,500, l-attriċi kienet ukoll irċeviet pagament akkont tal-bilanċ fl-ammont ta' €1,500.*[27] *Kif jidher mill-istess rendikont, meta jitnaqqsu dawn il-pagamenti mill-ammont bilanċjali għas-snin 2004, 2005, u 2006, jirriżulta li sal-5 ta' April, 2010, Zammit kien għad fadallu jagħti s-somma ta' €18,156.18;*

*46. Peress li din il-Qorti ma tħossx li Brian Zammit irnexxielu jipprova li ħallas dan il-bilanċ, u mill-atti m'hemm l-ebda prova oħra li turi li l-konvenut appellat xtara xi konsenji oħra wara l-5 ta' April 2010, il-Qorti ser tkun qegħda tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tal-attriċi u dan limitament sal-ammont ta'* ***€18,156.18****;*

*47. Sa fejn għandu x'jaqsam mal-interess legali, il-Qorti tinnota li fir-rikors maħluf l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex tingħata dan mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali 166A. Din il-Qorti tqis li din it-talba hija ġustifikata u wara li rat li dik l-ittra (107/2014) ġiet notifikata lil Brian Zammit fl-20 ta' Awwissu, 2014, din il-Qorti ser tkun qed tordna li l-interessi legali fuq il-kreditu jibdew jgħaddu minn dakinhar;*[28]

*48. Mhux l-istess però jgħodd għat-tielet talba li fiha l-attriċi qed titlob li tingħata kull «rimedju, miżura jew direttiva sabiex jiġu kawtelati l-interessi [tagħha], b'tali mod li l-intimat Brian Zammit...ma jaħrabx u ma jevadix mill-obbligazzjonijiet tiegħu«. Fil-fehma tal-Qorti din it-talba hija barra minn postha u dan għaliex il-liġi tagħti lill-attriċi rimedji speċjali oħra sabiex tkun tista' tikkawtela l-kreditu dovut mill-konvenut Brian Zammit. Din l-aħħar talba ser tkun għalhekk qed tiġi miċħuda;*

*49. Fl-aħħar nett, u peress li din il-Qorti ser tkun qed iddawwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti, mhux għaliex dik il-Qorti ddeċidiet b'mod ħażin, iżda għaliex dik il-Qorti ma kellhiex għad-dispożizzjoni tagħha d-dokumenti li ġew ippreżentati flimkien mar-rikors tal-appell, din il-Qorti ser tkun qed tikkundanna lill-attriċi sabiex tagħmel tajjeb kemm għall-ispejjeż kollha marbuta mal-proċeduri tal-Ewwel Qorti, kif ukoll għall-ispejjeż marbuta mal-proċeduri ta' dan l-appell;"*

11. Issa l-konvenut ressaq rikors fl-24 ta' Awwissu, 2023, għaliex

[26] *Fol*. 282.
[27] Id.
[28] https://ecourts.gov.mt/onlineservices/Acts/Detail/2002830#

qiegħed jgħid li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tiġi ritrattata skont is-**subartikoli (a), (ċ), (k)** u **(l) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, fost oħrajn.

12. Fil-qosor, ir-raġunijiet għaliex huwa talab ir-ritrattazzjoni ta' din is-sentenza jistgħu jinġabru hekk: (i) ir-ritrattand jagħti sfond billi jfisser li l-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tal-attriċi wara li l-istess Qorti aċċettat provi u xhieda ġodda, li l-attriċi kienet taf bihom meta ppreżentat il-kawża. Ir-ritrattand jgħid li l-provi ġodda ta' Lonzu Schembri, li miet fil-mori tal-kawża, wara li ppreżenta l-affidavit ferm dubjuż, mingħajr ma huwa kellu ċ-ċans li jwettaq kontroeżami tiegħu, bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja u prinċipji fosthom dak tal-*audi alteram partem*. Jgħid li filwaqt li l-appell kien ippreżentat fit-28 ta' Diċembru 2017, is-smigħ effettiv kien fil-21 ta' Frar, 2023 meta Lonzu Schembri kien ilu li miet. Għalhekk huwa ma setax jikkuntrasta provi li ddaħħlu fl-istadju tal-appell u aktar minn hemmhekk jilmenta dwar il-kumment tal-Qorti tal-Appell li naqas li jitlob lill-Qorti l-isfilz tad-dokumenti u xhieda li kienu ġew preżentati; (ii) ir-ritrattand jgħid li din l-azzjoni ta' ritrattazzjoni hija bbażata għaliex twieldu provi u xhieda ġodda li skontu jixħtu dawl kompletament differenti minn dak li seħħ u li jsaħħu t-teżi tiegħu u jinvoka l-**Artikolu 811(k) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (iii) jissokta jsemmi li raġuni oħra għal dawn il-proċeduri hija msejsa fuq l-**Artikolu 811(ċ) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** billi s-sentenza ngħatat żbaljatament għaliex l-attriċi ritrattata m'għandhiex ir-rappreżentanza ġuridika u ma kinitx leġittima kontradittriċi sabiex tressaq it-talbiet li ressqet, peress li qatt ma kienet tgawdi titolu fin-negozju li minnu jirriżulta l-kreditu pretiż u dan wisq anqas wara l-għarfien ta' provi ġodda fejn irriżulta ċar li x-xhieda ta' Lonzu Schembri hija dubjuża u vvizzjata billi l-leġittimi kontradittturi huma l-werrieta tal-istess Lonzu Schembri u mhux l-attriċi ritrattata; (iv) ir-ritrattand jgħid li raġuni oħra li fuqha għandha titħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell hija li din ingħatat b'effett ta' żball li jidher mid-dokumenti u fatti tal-każ, u dan billi hemm provi ġodda. Dawn il-provi ħarġu wara l-mewt ta' Lonzu Schembri u jiġi b'hekk li ma setax isir kontroeżami ta' dan ix-xhud, partikolarment meta l-affidavit tiegħu ġie ppreżentat fi stadju tal-appell u meta l-appell ġie appuntat għas-smigħ Schembri kien miet; (v) jissokta jgħid li ġaladarba l-Qorti tal-Appell iddeċidiet li tissana l-aċċettazzjoni ta' provi u xhieda ġodda fi stadju tal-appell, bit-tħaddim tal-istess prinċipju din il-Qorti għandha wkoll taċċetta s-smigħ ta' provi u evidenza ġdida fid-dawl li dawn huma provi ġodda li ġew fid-dawl wara li ngħatat is-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2023 u wara li miet Lonzu Schembri, li qatt ma seta' jitressaq għall-kontroeżami u wisq aktar riżultanza ġdida dwar il-prova tal-leġittimu kontradittur billi l-werrieta tiegħu mhijiex l-attriċi; (vi) ir-ritrattand isostni li l-**Artikolu 811(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa raġuni oħra għat-tħassir tas-sentenza billi l-provi ġodda mressqa fl-istadju tal-appell huma

msejsa b'ingann u qerq billi Lonzu Schembri kien persuna li ma jafx jaqra u jikteb, kien jiffirma b'salib u ma kienx f'sensih meta nkiteb l-affidavit. Bintu Doris Farrugia taf b'fatti dwar il-kreditu allegat jew l-estinzjoni tiegħu u hija lesta li tixhed dwarhom; (vii) ir-ritrattand jgħid ukoll li jirriżulta nuqqas ta' konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Appell li tissindika u tirrieżamina u tikkunsidra mill-ġdid it-talba tal-konvenut għall-isfilz tad-dokumenti, u dan billi ċ-ċaħda tat-talba tiegħu ngħatat mill-Qorti diversament preseduta u billi Lonzu Schembri kien miet mingħajr ma l-konvenut kellu ċ-ċans jikkuntrasta u jagħmel mistoqsijiet fil-kontroeżami, u billi t-talba tiegħu kienet imsejsa fuq il-fatt li l-attriċi kienet naqset li tippreżenta l-provi quddiem l-Ewwel Qorti. Barra minn hekk it-trapass taż-żmien u l-fatt li fl-istadju tat-trattazzjoni finali l-Qorti tal-Appell kif impoġġija ddikjarat li kienet tippatroċinja lill-attriċi.

13. Minħabba f'hekk, il-konvenut talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"..wara li tordna li titwarrab u titħassar is-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2023 fl-ismijiet premessi, tilqa' t-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-appell u dan għal waħda jew aktar mir-raġunijiet indikati mill-appellant, u ċjoè:*
>
> *(1) Stante evidenza u provi ġodda ai termini tal-artikolu 811(k);*
>
> *(2) Li s-sentenza ġiet mogħtija fuq il-premessa li l-attriċi kellha titlu ta' kreditu meta jirriżulta issa ampjament li bi ksur tal-artikolu 811(ċ) hija qatt ma kellha dritt li tressaq tali kawżi għaliex ma kellha ebda rappresentanza ġuridika għall-istess kreditu;*
>
> *(3) Li s-sentenza hija bi ksur tal-artikolu 811(l) stante li ġiet deċiża fuq żball li fil-verità kienet u kellha tkun eskluża;*
>
> *(4) Is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża – Artiklu 811 subinċiż (l), żball li mill-evidenza*

*ġdida issa hija verità li għandha tiġi eskluża u riviżitata bl-annullament tad-deċiżjoni tal-31 ta' Mejju, 2023;*

*(5) Li s-sentenza a bażi tal-prinċipju audi alteram partem għandha taċċetta s-smigħ u preżentazzjoni ta' provi ġodda, trattament li ngħata erronjament lill-istess attriċi fl-istadju tal-appell u li għandhom iwasslu għar-revoka u annullament tad-deċiżjoni tal-31 ta' Mejju, 2023;*

*(6) Li s-sentenza għandha tkun annullata stante li l-Qorti tal-Appell naqset meta ma rrikunsidratx id-digriet tal-isfilz tat-23 ta' Mejju, 2018, ma kkunsidratx li l-appellanti intimat ma kellu ebda rimedju u ċaħditu mid-dritt li jikkontradiċi u jagħmel l-eżami ta' Lonzu Schembri li kien miet fil-mori tal-kawża meta kienu jeżistu l-eċċezzjonijiet legali kollha dwar il-veraċità u l-awtentiċità tal-istess affidavit issa ben kontradett u annullat bi provi ġodda tal-istess bint Lonzu Schembri eredi universali tal-istess. Fid-dawl ta' allegat ingann mill-istess attriċi li takkapparra a favur tagħha beni ta' Lonzu Schembri fosthom kreditu li kien estint u ċertament mhux dovut".*

14. L-attriċi ressqet tweġiba fid-29 ta' Novembru, 2023 u tat ir-raġunijiet tagħha għala r-rikors għandu jiġi miċħud.

15. Inżammet seduta fit-30 ta' Novembru, 2023 li matulha l-avukati tal-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet bil-fomm tagħhom, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

17. Dan ir-rimedju huwa mħolli li jsir biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi, liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija (ara s-sentenza ta' din il-Qorti, ***Rosa Fenech et***

***v. Jane Cini et*** mogħtija fil-15 ta' Lulju, 2019).

18. Il-proċess tas-smigħ u t-trattazzjoni mill-ġdid ta' kawża deċiża fih żewġ fażijiet: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescissorio*) (ara ***Paul Pisani et v. Emmanuel Custò***, Appell Superjuri tat-2 ta' Marzu, 2007). Dawn iż-żewġ fażijiet ma jistgħux jiġu deċiżi f'daqqa b'sentenza waħda, iżda għandhom jiġu deċiżi b'mod mifrud għaliex inkella jistgħu jqumu kwistjonijiet ta' ksur ta' smigħ xieraq (ara ***St. George's Park Company Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu, 2014).

19. Għaldaqstant din is-sentenza se tidħol biss fl-ewwel fażi ta' din il-proċedura, ċjoè jekk hemmx raġunijiet siewja biex titħassar is-sentenza li ngħatat minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023.

20. Bħalma tajjeb ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha ***Mariano Vella v. Soċjetà Gourmet Company Limited*** mogħtija fit-28 ta' Marzu, 2006, sakemm din il-Qorti tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza li tagħha qed jintalab is-smigħ mill-ġdid, hija ma tista' bl-ebda mod tindaħal f'apprezzament favorevoli jew kuntrarju tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Qorti li tkun

tat dik is-sentenza. Xogħol din il-Qorti *in rescindente* mhuwiex dak li tgħarbel mill-ġdid jekk hija taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti kienet waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza impunjata: xogħol din il-Qorti hu li tqis jekk tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkustanzi proċedurali maħsubin fil-liġi li bihom dik is-sentenza tista' titwaqqa'.

21. Dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur* (ara ***Charles Grech et v. Cecil Herbert Jones***, Appell Superjuri tal-14 ta' Diċembru, 2018).

22. Talba ta' ritrattazzjoni għalhekk mhix appell mis-sentenza f'dik il-kawża, bħalma lanqas ma hi okkażjoni oħra biex il-parti telliefa terġa' tressaq l-argumenti tagħha wara li dawk l-argumenti ma rebbħulhiex il-kawża (ara ***Herbert Baldacchino noe v. Cecil Pace et noe et***, Appell Superjuri tat-22 ta' April, 2004).

23. Din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax li r-rikors tal-konvenut fih ħafna ripetizzjonijiet u seta' nkiteb ferm aħjar u b'mod aktar loġiku.

24. Ir-ritrattand Zammit isemmi erba' subinċiżi tal-**Artikolu 811 tal-**

**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** kif diġà ntqal, iżda ma' dawn iżid ukoll ksur tal-prinċipju tal-*audi alteram partem*; u appell minn digriet tal-Qorti tal-Appell li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba tiegħu għat-twarrib ta' dokumenti preżentati mill-attriċi mar-rikors tal-appell tagħha. Il-konvenut Zammit jorbot kollox mas-sottomissjoni tiegħu li wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023 huwa sar jaf bi provi ġodda li kieku żgur kienu jwasslu għal deċiżjoni differenti.

25. Ir-ritrattand jgħid li wara li ngħatat is-sentenza fil-31 ta' Mejju, 2023, bint Lonzu Schembri, Doris Farrugia, ressqet lejh u kemm hija kif ukoll is-sieħeb tagħha qalulu li huma lesti jixhdu dwar l-allegat kreditu tal-attriċi u li mhux dovut minnu. Din Doris Farrugia hija l-eredi universali ta' missierha u b'hekk Maryanne Vella ma kellhiex titlu sabiex tressaq il-kawża. Magħdud ma' dan jgħid li hemm dubju dwar il-veraċità tal-kontenut tal-affidavit ta' Lonzu Schembri kif aktar 'il fuq imfisser. Għalhekk huwa jsostni li l-provi mressqa mill-attriċi fl-istadju tal-appell kienu msejsa b'ingann u b'qerq. B'hekk huwa qiegħed jitlob li jitħalla jippreżenta dawk id-dokumenti li huma fil-pussess ta' Doris Farrugia, fosthom it-testment ta' missierha u dokumenti oħra inkluż kawżi legali deċiżi jew pendenti bejn Maryanne Vella u l-istess Doris Farrugia.

26. Qabelxejn ma jistax ma jiġix ippreċiżat li fejn il-konvenut ritrattand jgħid li permezz tar-rikors tiegħu huwa qiegħed jappella mid-deċiżjoni tal-

Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju, 2023, it-terminoloġija użata hija ħażina. Proċeduri ta' ritrattazzjoni qatt ma jistgħu jitqiesu jew jintużaw bħala appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell.

27. Miżmum dan kollu, huwa aktar opportun li din il-Qorti tibda tqis il-kawżali li fuqha l-konvenut ritrattand qiegħed isejjes it-talba tiegħu biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023 tiġi mħassra, ċjoè li wara s-sentenza ħarġu provi ġodda u evidenza ġdida li huwa ma kienx jaf bihom u li żgur kienu jwasslu lill-Qorti tal-Appell tiddeċiedi mod ieħor skont l-**Artikolu 811(k) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

28. Ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Novembru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Grixti v. Dr Ivan Grixti*** li, meta titressaq talba għal tħassir ta' sentenza fuq is-saħħa ta' dokument "deċiżiv" li nstab wara l-għoti ta' tali sentenza, il-liġi tqiegħed xi kundizzjonijiet li jmisshom jitħarsu qabel ma ċirkostanza bħal din tista' twassal biex titħassar is-sentenza li tkun u biex isir is-smigħ mill-ġdid ta' kawża li tkun għaddiet f'ġudikat. Ta' min jgħid li dawn it-tliet kundizzjonijiet huma kumulattivi u mhux alternattivi għal xulxin, b'dan illi jekk tfalli waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tordna t-tħassir ta' sentenza fuq il-kawżali tal-**Artikolu 811(k) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara Appell Ċivili tal-31 ta' Mejju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Fatima Zahra***

***Zeroual v. Hashim Kuduzovic***).

29. Il-liġi titkellem dwar "dokument deċiżiv". Dan ifisser li mhux kull dokument li parti tista' tiskopri wara s-sentenza huwa biżżejjed biex iwassal għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża. Irid ikun dokument "deċiżiv", jiġifieri dokument li s-saħħa tiegħu bħala prova tkun determinanti fuq il-qofol tal-kwistjoni li s-sentenza impunjata tkun stħarrġet (ara Appell Ċivili deċiż fit-23 ta' Ġunju, 2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela sive Carrie Micallef v. Alfred Mangion***). Imma mhux meħtieġ li dak id-dokument ikun ta' siwi konklussiv għall-kwistjoni (ara Appell Ċivili deċiż fil-5 ta' April, 1937 fil-kawża fl-ismijiet ***Galea v. Cuschieri*** (**Kollez. Vol: XXIX.i.1468**)). Ifisser ukoll li d-dokument irid ikun tali li jista' bil-liġi jitressaq bħala prova. Meta mbagħad id-dokument ikun jikkonsisti f'att nutarili pubbliku, it-tendenza hija li l-eżistenza tiegħu hija mistennija li tkun magħrufa minn kulħadd u għalhekk huwa diffiċli biex dokument bħal dan ikun raġuni li twassal biex sentenza titwaqqa' (ara Appell Kummerċjali tal-24 ta' Jannar, 1997 fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil v. Gauci et*** (**Kollez. Vol: LXXXI.ii.188**)), u li l-għaqal jitlob li wieħed jagħmel ir-riċerki jew tiftix meħtieġ fil-waqt xieraq u mhux wara li tkun ingħatat is-sentenza attakkata (ara Appell Ċivili deċiż fit-28 ta' Frar, 1997 fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo v. Chetcuti et*** (**Kollez. Vol: LXXXI.ii.417**)). Fl-aħħar nett ingħad ukoll li lanqas: *«ma huwa meħtieġ li d-dokument jipprovdi prova sħiħa u esklussiva. L-imħallef għandu jammetti d-domanda għar-ritrattazzjoni*

*biss jekk jirrikonoxxi li, minħabba l-valur tal-prova fornita mid-dokument il-ġdid, it-tema fattwali tal-kontroversja jinstab radikalment imbiddel għalkollox jew almenu f'parti sostanzjali tiegħu»* (ara ***Mercieca op. cit***. §6-11-1 f'paġna 162).

30. Minbarra dan kollu, il-liġi trid li l-parti li ssib dokument bħal dan, ma kinitx taf bih sa qabel ma ngħatat is-sentenza li hija trid twaqqa', jew, għalkemm setgħet tkun taf dwaru, ma setgħetx, bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, tressqu fil-kawża qabel ma tkun laħqet ingħatat is-sentenza (ara f'dan is-sens Appell Inferjuri *per* Imħallef Emeritu Philip Sciberras deċiż fis-7 ta' Lulju, 2010 fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Tal-Franċiż Construction Limited et. v. Angelo Zarb***), minkejja li għamlet l-almu tagħha biex issibu (liema ċirkostanza trid tkun pruvata mill-parti sokkombenti nnifisha). F'każ bħal dan, il-liġi bħal donnha trid tagħmilha ċara li r-ritrattand ikun irid juri li għamel kulma seta' fil-ħila tiegħu u fiż-żmien xieraq biex jew isib dak id-dokument jew li jressqu fl-atti (ara ***Mercieca op. cit*** §6-11 f'paġna 16). Dan jimplika mill-anqas, l-użu ta' għaqal ta' missier tajjeb tal-familja fit-tmexxija ta' ħwejġu (ara Appell Ċivili tat-28 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo v. Chetcuti et*** (**Kollez.Vol: LXXXI.ii.417**)). Dan il-grad ta' għaqal meħtieġ ma jħallix lil dik il-parti li l-ewwel titgħażżen jew tixxaħħaħ milli tagħmel ħilitha biex tressaq il-provi kollha tagħha, u mbagħad, wara li l-kawża tkun inqatgħet, tibda tħabrek biex issib il-prova eluživa li kienet teħtieġ (ara Appell Ċivili deċiż fil-11 ta' Mejju, 1936 fil-

kawża fl-ismijiet ***Darmanin noe et v. Cordina et*** (**Kollez. Vol: XXIX.i.645**)). Għalhekk ukoll, iċ-ċirkostanzi tas-sejba ta' dokument li l-parti ritrattanda tgħid li sabet wara l-għoti tas-sentenza għandhom ikunu mistħarrġa qabel ma titwaqqa' dik is-sentenza. Lanqas ma jiswa l-argument li l-parti tkun insiet l-eżistenza tal-imsemmi dokument, għaliex dan ikun ifisser li, fil-fatt, f'xi żmien qabel l-għoti tas-sentenza, kienet tkun diġà taf bih.

31. Sfiq ma' dan, ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-22 ta' April, 2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Herbert Baldacchino nomine v. Cecil Pace et nomine et*** li: *«fejn il-liġi riedet "dokument deċiżiv", mhux biżżejjed li jinġieb "xhud deċiżiv" bħallikieku "xhud" jinbidel f'"dokument" billi jagħti x-xhieda tiegħu bil-miktub flok bil-fomm. Fil-fehma ta' din il-qorti, "dokument" ma jfissirx "xhud", lanqas meta xhud jixhed bil-forma ta' stqarrija maħlufa.»* Il-Qorti kompliet tfisser li l-liġi stess, fil-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, tagħmel distinzjoni bejn xhud u dokument, u x-xhieda huma regolati b'mod differenti mid-dokumenti. Li kieku l-liġi għall-għanijiet ta' talba għal ritrattazzjoni taħt **l-Artikolu 811(k) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** riedet jew xhud jew dokument kienet issemmi t-terminu "prova", li hu ġeneriku, u mhux "dokument", li hu terminu speċifiku.

32. Meta dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jitħaddem għall-każ tagħna

jwassal biss għall-konklużjoni li l-konvenut ritrattand m'għandux raġun jitlob it-tħassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell abbażi ta' din il-kawżali.

33. Ibda biex, il-konvenut ritrattand jgħid li wara s-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023 kellmitu bint Lonzu Schembri u jgħid li din Doris Farrugia u s-sieħeb tagħha lesti jitilgħu jixhdu u hija lesta wkoll tippreżenta dokumenti li huma fil-pussess tagħha, inkluż it-testment ta' missierha minn fejn għandu jirriżulta li hija l-werrieta universali tiegħu.

34. Minn dan jinżel li l-provi ġodda li r-ritrattand qiegħed jagħfas fuqhom aktar minn kollox huma xhieda u kif rajna huwa mgħallem li xhud mhux meqjus bħala dokument. Jingħad li l-partijiet jaqblu li Lonzu Schembri miet fil-5 ta' Mejju, 2020 u allura ferm wara li ġie ppreżentat ir-rikors tal-appell ta' Maryanne Vella. Il-konvenut ritrattand isemmi t-testment ta' Schembri u xi dokumenti oħra fil-pussess ta' bint Schembri, Doris Farrugia, li skontu dawn kienu jwasslu lill-Qorti tal-Appell għal deċiżjoni differenti minn dik li waslet għaliha. Apparti mill-fatt li t-testment ta' Schembri seta' jinkiseb wara l-mewt tiegħu, din il-Qorti lanqas ingħatat ħjiel ta' x'inhuma dawn id-dokumenti fil-pussess ta' Doris Farrugia għalkemm jissemmew xi pendenzi legali. Jekk hemm proċeduri legali ta' natura ċivili allura xejn ma kien iwaqqaf lill-konvenut ritrattand sabiex fil-mori tal-appell jipprova jiksibhom u jitlob l-awtorizzazzjoni biex jiġu esibiti. Magħdud ma' dan, jingħad li xejn ma kien iwaqqaf lill-konvenut ritrattand

milli jitlob illi jħarrek lil Doris Farrugia kemm meta l-proċeduri kienu quddiem l-Ewwel Qorti u kif ukoll pendenti li l-appell jiġi appuntat għas-smigħ.

35. Illi għalhekk kif sewwa qalet ir-ritrattata fit-tweġiba tagħha, il-konvenut ritrattand ma ssodisfa l-ebda kondizzjoni sabiex tirnexxi t-talba tiegħu taħt dan is-subinċiż. Għalkemm ir-ritrattand jipprova jagħti x'jifhem li ġie ppreżentat xi affidavit ta' Lonzu Schembri mar-rikors tal-appell, jirriżulta mill-atti li l-affidavit ta' Lonzu Schembri kien ġie preżentat quddiem l-Ewwel Qorti fis-27 ta' April, 2015 (ara paġna 22 tal-proċess) u ma sarx kontroeżami ta' dan ix-xhud. Meta mbagħad l-attriċi ppreżentat id-dokumenti quddiem il-Qorti tal-Appell ma kien hemm ebda affidavit ta' Schembri. Hemm dokument (ara Doc 8 paġna 17 u f'paġna 282 tal-atti tal-appell li ġie deċiż fil-31 ta' Mejju, 2023) li hemm fuqu isem Lonzu Schembri li jġib id-data tal-5 ta' April, 2010, li bażikament huwa spjegazzjoni tal-bilanċ pretiż mingħand Brian Zammit li mhux daqstant fundamentali billi l-ammonti pretiżi jirriżultaw minn dokumentazzjoni oħra. Ħadd u xejn ma waqqaf lir-ritrattand milli jagħmel il-kontroeżami ta' Schembri quddiem l-Ewwel Qorti. Fuq kollox, jirriżulta mill-affidavit ta' Schembri li huwa qal li kien is-sid tan-negozju u li Vella kienet tiġġestixxi n-negozju miegħu. Ma nsibu ebda eċċezzjoni fir-risposta maħlufa tal-konvenuti li Vella ma setgħetx tressaq l-azzjoni attriċi. Fl-aħħar mill-aħħar, jekk kif qiegħed jgħid il-konvenut, Doris Farrugia hija l-eredi ta'

Lonzu Schembri hija daħlet fiż-żarbun tiegħu biss wara mewtu u mhux qabel u l-proċeduri nbdew snin qabel il-mewt ta' Schembri, li almenu mill-atti jidher li kien jaf bl-istess proċeduri u ma ressaq ebda oġġezzjoni dwarhom.

36. Jinżel b'hekk, li ma jistax jingħad li rriżulta li ġie f'idejn ir-ritrattand, dokument wara li ngħatat is-sentenza li tagħha qiegħed jintalab it-tħassir. Dan għaliex id-dokumenti li ssemmew kollha setgħu jiġu f'idejn ir-ritrattand qabel ma ġie deċiż l-appell u b'hekk ir-ritrattand kellu jieħu ċ-ċans li jitlob li jiġu ppreżentati u kkunsidrati mill-Qorti tal-Appell. Barra minn hekk, fi kwalunkwe każ, ma ntwerix lanqas li kien hemm xi dokument deċiżiv.

37. Għalhekk din il-Qorti ma ssibx li għandha tħassar is-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2023 fuq din il-kawżali.

38. Ngħaddu issa għall-kawżali oħra li fuqha l-konvenut ritrattand qiegħed isejjes it-talba tiegħu biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023 tiġi mħassra; dik fejn qiegħed jgħid li s-sentenza ttieħdet b'qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra skont l-**Artikolu 811(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

39. Il-Qorti tqis li biex tirnexxi talba għat-tħassir ta' sentenza u r-

ritrattazzjoni tal-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza, irid jintwera (minn min iressaq kawżali ta' din ix-xorta) li: (i) dik is-sentenza kienet imsejsa fuq ix-xhieda (jew prova) falza; (ii) li l-falsità tal-prova trid tkun dikjarata b'sentenza oħra minn qorti; (iii) li l-prova jew xhieda falza setgħet saret jew qabel u kif ukoll wara li tkun ingħatat is-sentenza attakkata, imma f'każ fejn is-sentenza li tkun iddikjarat il-prova jew xhieda bħala falza tkun ingħatat qabel ma tkun ingħatat is-sentenza attakkata; u (iv) ir-ritrattand ikun irid juri li ma kienx jaf b'din il-ħaġa qabel ma ngħatat is-sentenza attakkata.

40. Il-prova falza li l-liġi ssemmi f'din il-kawżali ma tolqotx xi prova mhux preċiża jew xi kalkolu minn espert li jkun "żball ta' fatt", imma trid tkun il-frott ta' ħabi, tgħawwiġ jew bdil maħsub (jiġifieri, magħmul b'rieda u x'aktarx doluż (ara Appell Ċivili deċiż fis-26 ta' Ġunju, 1950 fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana v. Gerada et*** (**Kollez. Vol: XXXIV.i.228**)) tas-sewwa min-naħa ta' min ikun ġab dik il-prova jew xehedha (ara sentenza Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fl-10 ta' Ġunju, 1949 fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud v. Azzopardi*** (**Kollez. Vol: XXXIII.ii.401**)). Lanqas ma tirnexxi din il-kawżali fejn il-parti li trid tattakka s-sentenza kellha f'idejha l-prova li tmeri l-prova falza li tkun sejset is-sentenza attakkata, u tkun naqset li tressaqha bla ma kienet miżmuma milli tagħmel dan (ara, b'eżempju, Appell Ċivili deċiż fit-12 ta' Ottubru, 1931 fil-kawża fl-ismijiet ***Buttigieg noe et v. Grima*** (**Kollez. Vol: XXVIII.658**) u Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-

9 ta' April, 1973 fil-kawża fl-ismijiet ***Antonio Mercieca v. Francesco*** **Grech** (mhix pubblikata u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 1973)). U l-istess jgħodd li kieku l-prova falza ma tkunx iddeterminat is-sentenza attakkata li tkun inqatgħet fuq is-saħħa ta' provi jew xhieda oħra li ma kinux foloz (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Novembru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Grixti v. Dr Ivan Grixti***).

41. Il-Qorti tqis li fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet dottrinali l-ilment tar-ritrattand mis-sentenza attakkata ma jirriżultax lanqas taħt din il-kawżali.

42. Il-konvenut ritrattand issejjes l-argument tiegħu billi jgħid li fid-dawl tax-xhieda u provi ġodda mressqa fl-istadju tal-appell tardivament jirriżulta li dawn kienu msejsa fuq ingann u qerq billi Lonzu Schembri kien illitterat, kien jiffirma b'salib u ma kienx fil-poteri mentali tiegħu meta ġie indott jew għamel l-affidavit tiegħu.

43. Illi din il-Qorti diġà sabet li l-ilment tar-ritrattand dwar xhieda u provi ġodda mhux siewi. Diġà ngħad ukoll li Lonzu Schembri miet snin wara li ġie ppreżentat l-affidavit tiegħu u allura jekk il-konvenut ritrattand naqas li jagħmel mistoqsijiet bil-kontroeżami lill-istess xhud ma jistax jiġi issa f'dan l-istadju u jilmenta li ma ngħatax l-opportunità li jikkontradiċi l-provi

li tressqu, jew li jinsinwa li kien hemm xi qerq min-naħa tal-attriċi. Fuq kollox, il-qerq irid ikun imwettaq minn parti kontra l-oħra u mhux fuq xi terz bħalma kien Lonzu Schembri f'dawn il-proċeduri.

44. Ma jirriżultax li s-sentenza kienet imsejsa fuq xi xhieda falza u li din l-allegata falsità tirriżulta minn sentenza oħra. Wisq anqas għalhekk ma jirriżultaw ir-rekwiżiti l-oħra meħtieġa biex din il-kawżali tirnexxi.

45. Għalhekk din il-Qorti ma ssibx li għandha tħassar is-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2023 fuq din il-kawżali.

46. Imiss issa li tiġi mistħarrġa kawżali oħra li fuqha l-konvenut ritrattand qiegħed isejjes it-talba tiegħu biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023 tiġi mħassra, ċjoè dik skont l-**Artikolu 811(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

47. Fir-rigward tal-aggravju marbut ma' dan l-artikolu, ir-ritrattand qiegħed jagħti interpretazzjoni żbaljata lil dan il-provediment. Skont il-liġi (ara **Artikolu 780 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), l-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna, tista' tingħata meta l-attur jew il-konvenut huwa inkapaċi skont il-liġi biex joqgħod fil-kawża inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem jew fl-interess ta' ħaddieħor, mingħajr ma jkun awtorizzat skont il-liġi għaldaqshekk. Dan qalitu ċar din il-Qorti fil-

kawża fl-ismijiet ***Paċe et v. Sammut et***, deċiża fit-3 ta' Gunju, 1963. L-eċċezzjoni tal-illeġitimità tal-attur hi allura marbuta mal-inkapaċità tiegħu li jaġixxi fis-sens strettament ġuridiku. Jekk l-atturi għandhomx jew le interess ġuridiku fil-konfront tal-konvenut fil-kawża, huwa mertu. (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Marzu, 2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Borg et proprio et nomine v. Nazzareno Vella***).

48. Sfiq ma' dan, fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2005 il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet ***Marianna Sciberras et v. Maria Rosa Tabone et*** fissret li:

> *"Il-frażi "Jekk waħda mill-partijiet fil-kawża ma tkunx persuna leġittima" li tissemma fl-Artikolu 811(ċ) tal-Kap. 12, ċertament trid tinqara fid-dawl tar-regoli li l-istess Kap. 12 jistabbilixxi fl-Artikolu 780 et sequitur meta jitkellem "fuq l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-attur jew tal-konvenut". L-Artikolu 780 jipprovdi li "l-eċċezzjoni dwar l-illeġittimità tal-attur jew tal-konvenut tista' tingħata, meta l-wieħed jew l-ieħor huwa inkapaċi skont il-liġi biex joqgħod f'kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor, mingħajr ma jkun awtorizzat skont il-liġi għal daqshekk. L-Artikolu sussegwenti ċjoè 781 imbagħad jiddefenixxi min huma dawk il-persuni li mhumiex kapaċi biex joqogħdu f'kawża bħala attur jew konvenut: "a. il-minuri, ħlief fil-persuna tal-ġenitur li jkun qed jeżerċita s-setgħa tal-missier, jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-persuna ta' tutur jew kuratur; b. il-persuni furjużi jew moħħhom marid u kull persuna oħra li ma jkollhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawża, ħlief fil-persuna ta' dak li skont il-liġi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni jew ta' kuratur ad litem".*

49. Huwa ovvju għal din il-Qorti li dak li qiegħed jilmenta minnu r-ritrattand ma jiffigurax fil-kuntest tal-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna. Dan għaliex il-konvenut ritrattand qiegħed jallega li l-attriċi ma kellhiex ir-rappreżentanza ġuridika biex tmexxi bl-azzjoni attriċi u ma

kellhiex dritt għall-kreditu pretiż billi huma l-eredi ta' Lonzu Schembri li jista' jkollhom dan il-jedd. Jiġi b'hekk, li m'hemm ebda kwistjoni dwar l-illeġittimità tal-persuna kif trid il-liġi u kif imfissra mill-ġurisprudenza.

50. Għalhekk din il-Qorti ma ssibx li għandha tħassar is-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2023 fuq din il-kawżali.

51. Ngħaddu issa għall-kawżali li fuqha l-konvenut ritrattand qiegħed ukoll isejjes it-talba tiegħu biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023 tiġi mħassra, meta jisħaq li din ingħatat fuq żball ta' fatt li joħroġ mill-atti tal-kawża skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

52. Dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

53. L-eżami li jrid isir huwa jekk is-sentenza attakkata hijiex imsejsa fuq fatt li fil-verità ma jeżistix, jew inkella jekk din is-sentenza ngħatatx fuq l-assenza ta' fatt li fil-verità jeżisti. F'dan ir-rigward, il-Qorti mhijiex mitluba tgħid jekk l-apprezzament tal-fatt imwettaq fis-sentenza attakkata kienx wieħed tajjeb jew le. Lanqas li tgħarbel jekk il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza attakkata, li wasslu għas-suppożizzjoni tal-eżistenza jew l-

assenza ta' dak il-fatt, kinux tajba jew ħżiena (ara ***Prokuratur Legali Joseph Zammit nomine v. Michael Fenech pro et noe***, Appell Superjuri tal-31 ta' Awwissu, 2021).

54. L-iżball ma jridx imiss mal-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza, li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant (ara ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri***, Appell Superjuri tas-26 ta' Marzu, 2021). Fi kliem aktar ħafif, irid jintwera li l-iżball ikun wieħed materjali ta' fatt u mhux żball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni (ara ***Gourmet Company Limited et v. Mariano Vella***, Appell Superjuri tat-28 ta' Jannar, 2005).

55. Kif tajjeb poġġietha din il-Qorti fis-sentenza tagħha ***Mare Blu Tuna Farm Limited v. Dr. Louis Cassar Pulliċino nomine*** deċiża fl-4 ta' Ottubru, 2010 irid:

> *"ikun hemm prova ċara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li għandha biss tifsira waħda u unika, ċjoè li tistabbilixxi ċertu fatt jew li teskludih, u minflok il-ġudikant bi żball u proprju għaliex ma ndunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tiegħu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost żbaljat".*

56. Barra minn hekk, skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jista' jkun hemm lok ta' ritrattazzjoni fuq żball ta' fatt, «*basta li, ...., il-fatt ma jkunx punt ikkontestat*

*illi jkun ġie deċiż bis-sentenza»* (ara f'dan is-sens ***Marie-Louise Muscat Inglott sive Marie-Louise Muscat Manduca et v. Louis Manduca***, Appell Superjuri tas-6 ta' Diċembru, 2002, ***Saviour Ellis pro et noe v. Rita Ellis et***, Appell Superjuri tas-16 ta' Novembru, 2010 u ***Christopher Gauci v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, Appell Superjuri tal-20 ta' Lulju, 2020).

57. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, minn qari tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023 huwa evidenti li l-punti mqanqla mill-konvenut bħala raġuni ta' ritrattazzjoni taħt l-**Artikolu 811(l)** mhux ta' fejda għalih. Huwa jgħid li l-Qorti tal-Appell żbaljat meta ma kkunsidratx mill-ġdid il-fatt tat-talba għat-twarrib tad-dokumenti ppreżentati mill-attriċi fl-istadju tal-appell. Jissokta jgħid li għamlet ħażin għaliex: (i) it-talba saret f'Diċembru, 2017 u ġiet deċiża minn Qorti diversament preseduta; u (ii) il-Qorti żbaljat għaliex hekk ġie li hija ssanat żball tal-attriċi li ma ppreżentatx provi li dejjem kellha u ppreżentat affidavit ta' Lonzu Schembri li kien ħaj u preżenti meta preżentat il-kawża. Jgħid li mhux biss issanat l-iżball iżda ppermettiet affidavit li jirriżulta li kien vizzjat u possibbilment mhux mis-sewwa skont il-provi ġodda li għandu f'idejh. Fuq kollox jgħid li l-iżball jikkonsisti li meta l-appell ġie appuntat għas-smigħ, ħames snin wara li ġew esibiti d-dokumenti ġodda, il-Qorti kif diversament impoġġija, ma kellhiex tagħmel tagħha d-digriet tat-23 ta' Mejju, 2018 (li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba tiegħu għat-

twarrib tad-dokumenti) f'dak l-istadju li Schembru kien miet u ma setax isir il-kontroeżami tiegħu.

58. Hekk kif wieġbet tajjeb ir-ritrattata, l-ilment tar-ritrattand ma jaqax taħt din il-kawżali. Fit-tweġiba mressqa mill-konvenuti għall-appell tal-attriċi l-kwistjoni tal-inammissibilità ta' provi ġodda waqt l-istadju tal-appell kienet diġà tressqet bħala preġudizzjali jekk tista' tissejjaħ hekk. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha qieset is-sottomissjoni tal-appellat u tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn ma kinitx qiegħda taqbel ma' dak sottomess. Il-fatt li l-konvenut ritrattand ma jaqbilx la mad-digriet tat-23 ta' Mejju, 2018 u lanqas ma' dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell ma jfissirx li kien hemm l-iżball li ssemmi l-liġi.

59. Fl-aħħar nett, il-konvenut ritrattand jikkummenta dwar il-fatt li l-Qorti tal-Appell kif kienet preseduta ddikjarat li kienet tippatroċinja lill-attriċi fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2022. Dan seħħ fi stadju meta l-appell kien għall-finali trattazzjoni u wara li d-deċiżjoni tal-isfilz kienet ittieħdet mill-istess Qorti mpoġġija mod ieħor. Jgħid li l-mogħdija taż-żmien minn Diċembru, 2017 sal-21 ta' Frar, 2023 kellu jkun biżżejjed sabiex dik il-Qorti tal-Appell tissindika mill-ġdid minn jeddha ċ-ċaħda għat-twarrib, u dan peress li kif minnha stess iddikjarat il-Prim Imħallef kien jippatroċinja lill-attriċi u kien għalhekk jaf iċ-ċirkostanzi u r-relazzjoni li kellha mal-istess Lonzu Schembri.

60. Illi mill-atti jirriżulta li meta l-Prim Imħallef iddikjara fis-seduta fil-miftuħ li huwa f'xi żmien ippatroċinja lill-attriċi, il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni li huwa jibqa' jippresedi l-każ. L-imġiba tal-konvenut ritrattand hija ta' min jiċċensuraha. Mhux sewwa li l-ewwel nagħmlu dikjarazzjoni, imbagħad għaliex il-każ inqata' kontrina ndawwru d-diska. Fuq kollox, l-istess Prim Imħallef iddikjara li ma kellux x'jaqsam mal-każ li kellu quddiemu. Barra minn hekk, il-fatt li l-istess Prim Imħallef kien xi darba jidher għall-attriċi ma jfissirx li kellu juża xi għarfien tiegħu (jekk kellu) dwar ir-relazzjoni li l-attriċi kellha ma' Lonzu Schembri. Il-Qorti hija marbuta mal-atti u l-provi li jkollha fil-proċess u xejn aktar. Huwa ta' għajb għall-konvenut ritrattand li joħroġ b'sottomissjonijiet bħal dawn. Mhux hekk biss, iċ-ċaħda tat-talba tiegħu għat-twarrib tad-dokumenti preżentati mill-attriċi saret fi żmien Prim Imħallef differenti.

61. Għalhekk din il-Qorti ma ssibx li għandha tħassar is-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2023 fuq din il-kawżali.

62. Il-konvenut ritrattand jilmenta wkoll li meta l-Qorti tal-Appell laqgħet id-dokumenti ġodda li ppreżentat l-attriċi fl-istadju tal-appell dan wassal għall-ksur tal-prinċipju tal-***audi alteram partem***. Għalhekk bl-istess raġunament din il-Qorti għandha tilqa' t-talba tiegħu sabiex iressaq xhieda u provi ġodda.

63. Donnu għalhekk il-konvenut ritrattand qiegħed jgħid li anke jekk il-Qorti tal-Appell fil-fehma tiegħu għamlet ħażin li aċċettat dawk id-dokumenti, biex jissewwa dak in-nuqqas din il-Qorti għandha l-obbligu li, tajjeb u ħażin, tħalli l-produzzjoni ta' xhieda u provi ġodda min-naħa tiegħu.

64. Din il-Qorti ma tiddejjaqx tgħid li dan l-argument huwa wieħed bla bażi legali u illoġiku. Qabelxejn, kif diġà ngħad aktar 'il fuq, ġaladarba talba għal ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju, din il-Qorti trid toqgħod biss fuq il-każijiet stabbiliti mil-liġi. L-allegat ksur tal-prinċipju ta' *audi alteram partem* mhux wieħed minn dawk imsemmija fil-liġi.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** it-talba tal-konvenut Brian Zammit għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023, bl-ispejjeż jinġarru kollha mill-istess konvenut Brian Zammit.

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion<br>Aġent President | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm